



Network ġdid tal-EURES (Servizzi Ewropej tax-Xogħol): il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu

Fit-2 ta' Diċembru 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew għall-istabbiliment mill-ġdid u l-organizzazzjoni mill-ġdid tan-network eżistenti tal-EURES.

Il-EURES il-ġdid huwa msaħħaħ u modernizzat. Il-portal tiegħu jsir għodda aġġornata tal-mobbiltà bl-użu tal-aħħar teknoloġiji tal-IT, aċċessibbli għal kulħadd.

"Dan ir-regolament ġdid dwar l-istabbiliment mill-ġdid tal-EURES jenfasizza l-importanza li aħna lkoll nagħtu lil waħda mil-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, il-moviment liberu tal-ħaddiema. Huwa joffri opportunitajiet ġodda ta' impjegi u b'hekk jikkontribwixxi biex jitnaqqas il-qgħad fl-Unjoni Ewropea", qal Nicolas Schmit, Ministru għax-Xogħol, l-Impjegi u l-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà.

L-għan tiegħu

L-għan tal-EURES huwa li jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-UE, biex b'hekk ikun iffaċilitat suq tax-xogħol aktar integrat tal-Unjoni. L-ċittadini kollha tal-UE jistgħu jibbenefikaw minn firxa sħiħa ta' servizzi pprovduti. Tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċessibbiltà ta' servizzi għal persuni b'diżabbiltà.

In-network imtejjeb tal-EURES jassisti lill-ħaddiema biex jegħlbu l-ostakli għall-mobbiltà, iżid l-aċċess għall-opportunitajiet ta' impjegi fl-UE kollha u jiffaċilita l-ħolqien ta' impjegi. Huwa jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-qgħad billi jgħin biex ikun hemm tqabbil aħjar bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol.

Il-parteciġazzjoni fil-EURES ġiet estiża

Sabiex jiġu pprovduti l-aħjar servizzi possibbli għall-ħaddiema u l-impjegaturi kollha, il-firxa ta' Membri u Sħab tal-EURES ġiet estiża. L-organizzazzjonijiet privati tal-impjegi jistgħu jingħaqdu man-network u l-postijiet ta' xogħol battala tagħhom jiġu ppubblikati fuq il-portal web flimkien ma' daww pubbliċi. L-organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ għandhom jipprovdu s-servizzi kollha, eż. il-postijiet ta' xogħol battala, CVs fuq il-portal, kif ukoll servizzi ta' appoġġ lill-persuni li qed ifittxu impjeg u lill-impjegaturi, dment li ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali li huma ma jistgħux jipprovdu dawn it-tliet servizzi. L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu jagħżlu bejn it-tliet għażliet. Is-servizzi pubbliċi tal-impjegi wkoll ser joffru s-servizzi kollha u barra minn hekk ser jiżguraw li l-utenti kollha li mhumiex mħarrġa fl-IT ikun jista' jkollhom ukoll aċċess offline għal informazzjoni.

It-trade unions, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u atturi rilevanti oħra fis-suq tal-impjegi wkoll ser ikunu involuti fin-network. Ir-rappreżentanti tas-sħab soċjali huma involuti fil-livell tal-UE, iżda wkoll fil-livell nazzjonali u transfruntier.

Pubblikazzjoni ta' postijiet ta' xogħol battala, applikazzjonijiet għal xogħol u CVs

Il-Portal tal-EURES ser jiġbor mill-ġdid il-postijiet ta' xogħol battala, l-applikazzjonijiet għal xogħol u s-CVs kollha li jkunu disponibbli b'mod pubbliku, biex b'hekk tiżdied it-trasparenza tal-informazzjoni disponibbli. Dan jinkludi wkoll postijiet battala ta' traineeships u apprendistati li huma bbażati fuq relazzjoni ta' impjeg.

Sabiex jiġu żgurati l-kwalità u l-protezzjoni tal-minorenni, l-istati membri jistgħu jeskludu t-traineeships jew l-apprendistati li jkunu ffokati prinċipalment fuq l-edukazzjoni.

Dimensjoni transfruntiera

Il-EURES għandu wkoll rwol importanti fil-provvediment ta' informazzjoni u servizzi speċifiċi għall-benefiċċju ta' impjegaturi u ħaddiema tal-fruntiera fir-reġjuni transfruntieri Ewropej. Strutturi speċifiċi ta' appoġġ ser jgħinu biex jiġu pprovduti servizzi għal ħaddiema tal-fruntiera u b'hekk jiffaċilitaw il-mobbiltà f'dawn ir-reġjuni transfruntieri.

Press office - General Secretariat of the Council of the EU
Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319
press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press